# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 482/2016**

Il-Pulizija

vs

**Michael Delia**

Iben Joseph imwieled Cospicua, fit-22 ta' Jannar, 1969, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 55769(M)

Illum, 10 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Michael Delia quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fix-xhur minn Mejju 2014 sa Dicembru 2014, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, meta hekk ordnat minn Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Tiziana Calleja u jew lil uliedu s-somma ffissata mill-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u jew ghall-ulied fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Ottubru, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-ammissjoni tal-imputat, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal tlett xhur prigunerija.
Rat ir-rikors tal-appellant ipprezentat fil-21 ta' Ottubru, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell fis-sens illi, billi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena; altemattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi
minflok tigi mposta piena li tkun ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fl-ewwel lok, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma haditx in konsiderazzjoni li waqt is-seduta stess huwa ghaddhielha s-somma ta' elfejn Euro (€2000), liema somma tkopri bosta xhur indikati fl-akkuza. Huwa infurmaha ukoll illi kien lest li jhallasha izda kellu bzonn ftit iktar zmien u li jekk riedet hu kien qed jaghtiha l-kunsens li taqtaghlu l-flus direttament mill-paga u jkun l-imghallem tieghu stess li jibghatilha l-flus direttament.

Illi huwa ma hallasx is-somma dovuta fil-hin peress li kellu bosta problemi finanzjarji u ghamel zmien minghajr impjieg. Martu hija ghalliema b'paga tajba u setghet tikkoncedielu ftit iktar zmien.

2. Illi fit-tieni lok, sussidjarjament u minghajr pregudizzju, b'riferenza ghall-piena nflitta l-esponenti jirrileva li fic-cirkostanzi hija wahda harxa wisq ghal akkuza kif dedotta fil-konfront ta' l-appellant u fid-dawl tal-fatt li hallasha somma sostanzjevoli dak inhar stess.

L-appellant huwa persuna ta' karattru tajjeb, ghandu impjieg, ma ghandux kondotta refrattarja, u tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz, piena karcerarja bir-rispett kollu ma hijiex wahda idoneja. Huwa ma jixtieqx jitlef xoghlu u jixtieq ikompli jahdem sabiex ihallas il-manteniment dovut lil martu.

L-appellant umilment jaghmel referenza ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, datata 25 ta' April 2006, per Onor Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet: Il-Pulizija vs John Farrugia, fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita a tenur ta' l-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi huwa jiskuza ruhu mal-Onorabbli Qorti u jiddispjacih talli ma hallasx il-manteniment dovut u martu taf li ma hallsux fil-hin ghax ma setghax u mhux ghax kien hemm xi pika da parte tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-10 ta' Marzu, 2017 dehret il-parte civile u infurmat lil din il-Qorti li l-appellant hallas dak kollu dovut.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tichad l-appell ta' Michael Delia u tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu. Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka l-piena karcerarja nflitta u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur mil-lum.